# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 838

KAZ NRU. 959

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Charles Cassano

u

Holden Development Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 3 ta’ Gunju, 1997

**Chairman : Is-Sur Anthony DeGiovanni**

1. **DAHLA**

Il-Ministru ta’ l-Edukazzjoni u Rizorsi Uman permezz ta’ ittra datata 3 ta’ Awissu 1995 riferenza ME 4/95/96 talab lit-Tribunal Industrijali biex jaghti decizjoni dwar din il-kwistjoni skond id-dispozizzjonijiet ta’ l-artiklu 28(2) tal-Kapitlu 266 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. **RAPPREZENTANZA**

2.1 L-appellant kien rapprezentat mill-avukat Andrew Borg Cardona.

2.2 Il-Kumpanija kienet rapprezentata mis-sur Edmund

Bartolo assistit mill-avukat Paul Gauci Maestre’.

## 3. LISTA TA’ XHIEDA

3.1 Ghall-appellant xehdu :

Joseph Bezzina
Anthony Boyansis
Martin Cefai
Charles Cassano - l-appellant innifsu

3.2 Ghall-Kumpanija xehdu :

Edmund Bartolo
Tiziana Grech
Raymond Vella

## 4. PREZENTAZZJONI TA’ DOKUMENTI

4.1 L-appellant ipprezetna d-dokumenti li jidhru hawn taht :

4.1.1 id-dikjarazzjoni tal-kaz Dok 1

4.1.2 affidavit ta’ Jeremy J.L. Holland immarkat Dok 3

4.1.3 affidavit ta’ Robert Sidney Allen datat 17.6.96 immarkat Dok 4

4.1.4 affidavit ta’ Frank Nights datat 13.6.96 immarkat Dok 5

4.1.5 diversi dokumenti b’dati differenti li gew prezentati fis-seduti tad-19 u 26.11.96 u li gew immarkati Dok 6 - 15

4.1.6 l-istqarija finali Dok 16

4.1.7 Nota ta’ osservazzjonijiet Dok 17 .

4.2. Il-Kumpanija ipprezentat id-dokumenti li jidhru hawn taht :

4.2.1 id-dikjarazzjoni tal-kaz Dok 2 li kienet tinkludi zewg appendici

4.2.2 kopja ta’ kuntratt bejn Holden Development Co Ltd u Ocean Club at Ramla Bay (Malta) Ltd Dok 18

4.2.3 kopja ta’ invoice 328 datata 11.5.96 dwar allokazzjoni ta’ bed-nights Dok 19

4.2.4 kopja ta’ avviz iffirmat minn Charles Cassano, Frank Knights u Robert Allen datat 11.4.95 dwar il-bidliet li sehhu fl-amministrazzjoni ta’ l-Ocean Club Dok 20

4.2.5 L-istqarrija finali Dok 21

4.2.6 Nota ta’ osservazzjonijiet Dok 22.

4.3 Is-sur Joseph Bezzina ipprezenta tlett dokumenti rigwardanti l-impjegati ta’ Holden Development Co Ltd inkluz is-sur Charles Cassano.

5. **TAGHRIF GENERALI U TALBIET TAL-PARTIJIET**

5.1 L-appellant stqarr li :

5.1.1 hu kien impjegat mal-Kumpanija ghal zmien twil u qabel ma ntemmlu l-impjieg kien jokkupa

kariga gholja manigerjali

5.1.2 meta nbidlu s-sidien tal-Kumpanija l-impjieg tieghu gie terminat allegatament ghar-raguni ta’ *redundancy*

5.1.3 il-Kumpanija ghadha topera kummercjalment u ghal din ir-raguni m’hemmx raguni ghar-*redundancy* u ghaldaqstant it-temm ta’ l-impjieg tieghu ma sarx ghal raguni gusta u bizzejjed.

5.2 Il-Kumapanija stqarret li :

5.2.1 nhar l-20 ta’ Marzu, 1995 il-Kumpanija Tarcisio Galea Holdings Ltd xtrat u akkwistat l-ishma kollha ta’ Holden Development Co Ltd, li f’dak iz-zmien kienet is-sid u l-operatur tal-kumpless Ramla Bay

5.2.2 waqt laqgha li saret nhar il-21 ta’ Marzu 1995 l-impjegati kollha minbarra l-appellant kienu mgharrfa bil-bidla li saret u kienu mistiedna japplikaw biex jigu mpjegati mill-Kumpanija gdida. L-impjegati kollha li attendew ghall-laqgha applikaw u kollha kienu offruti mpjieg

5.2.3 l-appellant ma attendiex ghall-laqgha tal-21 ta’ Marzu 1995 u ma applikax ghal impjieg mal-Kumpanija gdida

5.2.4 wara t-3 ta’ April 1995 il-Kumpanija Holden Development Co Ltd kien fadlilha biss impjegat wiehed, l-appellant. Dakinhar stess l-appellant kien mgharraf li l-Kumpanija l-gdida ma

kienx fi hsiebha timpjega aktar nies u ghal-daqstant l-impjieg tieghu gie terminat fuq bazi ta’ *redundancy*

5.2.5 ghaldaqstant it-Tribunal Industrijali mhuwiex kompetenti li jisma’ l-kaz.

## 6. **ARGUMENTI U PROVI TAL-PARTIJIET**

6.1 L-appellant argumenta li :

6.1.1 hu kien jokkupa l-ghola kariga ezekuttiva fil-Kumpanija u kien jithallas kemm ghax-xoghol tieghu mal-Lukanda Ramla Bay kif ukoll ghal kontribut tieghu lil Ocean Club li kienet tamministra l-appartamenti tat-*time share*

6.1.2 hu kien fdat bit-tmexxija tal-Lukanda u ha sehem ewlieni fin-negozjati li saru biex tinbiegh il-Kumpanija lis-sidien godda

6.1.3 hu ma attendiex ghall-laqgha tal-21 ta’ Marzu 1995 mhux ghaliex ma xtaqx li jkompli fl-impjieg izda ghas-semplici raguni li bhala wiehed mill-protagonisti tan-negozjati ghall-bejgh tal-Kumpanija kien intiz sew mas-suggett tal-laqgha. Kieku s-sidien tal-Kumpanija l-gdida kellhom hsieb genwin li joffrulu impjieg setghu bhala mpjegat mill-aktar anzjan jaghmlu hekk f’ambjent aktar privat minn laqgha ma’ l-impjegati kollha

6.1.4 jista’ jkun li dan ma sarx minhabba li waqt in-negozjati ghal bejgh hu kien jassisti lis-sid bejjiegh u naturalment is-sid xerrej ma kienx ihares lejh b’ghajn tajba.

6.1.5 hu ma applikax lis-sidien godda ghaliex kien indikat lilu mis-sur Edmund Bartolo li l-kaz tieghu kien ser ikun ittrattat separatament

6.1.6 l-funzjonijiet manigerjali kollha li kien jaghmel hu, ghadhom jezistu u qed isiru minn impejgati ohra li jew iddahhlu jahdmu jew inhatru f'karigi ghola wara t-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu

6.1.7 galadarba l-kumpless Ramla Bay ghadu jezisti u jiffunzjona ma jistax jinghad li kien hemm lok ta' *redundancy* genwina

6.1.8 ghalkemm hu jifhem li s-sidien il-godda ghandhom kull dritt li jaghzlu n-nies taghhom, galadarba huma iddecidew li ma jzommuhx fl-impjieg kellhom jew joffrulu kumpens ghas-servizz li kien ta, jew jghidulu kmieni biz-zejjed biex ikun jista' jitlob kumpens lis-sidien ta' qabel.

6.2. Il-Kumpanija argumentat li

6.2.1 nhar il-21 ta' Marzu, 1995 id-Diretturi l-godda tal-Kumpanija gharrfu lill-impjegati li l-operat tal-kumpless kien se jsir minn Kumpanija ohra bl-isem ta' Tarcisio Galea Hotel Operators Ltd. Ghaldaqstant kull min ried li jkompli jahdem fil-kumpless kien mehtieg li japplika lill-Kumpanija l-gdida u jinghata preferenza fuq applikanti ohra. Charles Cassano la attenda ghal din il-laqgha u lanqas applika mal-Kumpanija l-gdida. Dan irrizulta li hu baqa' l-uniku impjegat mal-

Kumpanija.

6.2.2 Nhar it-3 ta’ April, 1995 l-appellant inghata l-avviz ghat-terminazzjoni ta’ l-impjieg min-habba *redundancy* u thallas skond il-Ligi.

6.2.3 Il-Kumpanija u Tarcisio Galea Hotel Operators Ltd huma zewg Kumpaniji distinti minn xulxin u din ta’ l-ahhar ma kellha ebda obbligi kuntrattwali jew legali li timpjega l-istess impjegati li kienu jahdmu ma’ Holden Development Co Ltd

6.2.4 hi temmet l-impjieg ghar-raguni ta’ *redundancy* ta’ l-impjegati kollha u mhux ta’ l-appellant biss. Dan il-pass wahdu juri bic-car li r-raguni ta’ *redundancy* kienet genwina.

6.2.5 t-terminazzjoni ta’ l-impjieg minn mal-Kumpanija estera The Ocean Club at Ramla Bay ma taqax fil-kompitu ta’ dan it-Tribunal ghaliex din hija wkoll Kumpanija distinta minnha.

7. **<u>KUNSIDERAZZJONIJIET TAT-TRIBUNAL INDUSTRIJALI</u>**

It-Tribunal Industrijali osserva li :

7.1. ghalkemm hemm kontestazzjoni tar-ragunijiet ghaliex l-appellant ma applikax biex jibda jahdem mal-Kumpanija l-gdida jibqa’ l-fatt li l-impjegati l-ohrajn kollha applikaw u gew impjegati u l-appellant ma applikax u baqa’ l-uniku impjegat mal-Kumpanija li ghalkemm isimha baqa’ l-istess kellha funzjoni ridotta ghaliex ma komplietx topera u sidien godda

7.2 skond ix-xhieda ta’ Edmund Bartolo, kieku l-appellant

applika biex jibda jahdem mal-Kumpanija l-gdida, t-talba tieghu ma kienet tibdel xejn minn dak li sehh ghaliex it-talba tieghu ma kinitx tintlaqa'. Dan ghaliex ix-xoghol li kien jaghmel l-appellant, jew assumieh il-Managing Director kif kien qabel ma ghadda ghand l-appellant, jew ma baqax isir bhal dak ta' progetti, jew sar minn impjegati li ghandhom perspettiva tal-Grupp kif titlob l-organizzazzjoni gdida

7.3 tajjeb jew hazin f'Malta ghad m'ghandniex Ligi li tirregola l-obbligi kuntrattwali bejn il-Principal u l-impjegati f'kaz li l-Principal ibiegh il-maggoranza ta' l-ishma tal-Kumpanija

7.4 l-appellant ma gab ebda prova li jezisti xi ftehim industrijali li seta' jirregola l-kuntratti ta' l-impjieg f'kaz bhal dan jew id-dritt ta' kumpens f' kaz ta' terminazzjoni ta' l-impjieg minhabba *redundancy*

7.5 Fil-fehma tat-Tribunal Industrijali l-fatt li l-appellant - ghalkemm ma kienx attenda ghall-laqgha li saret ghall-haddiema - ma giex mgharraf formalment jew mistieden biex japplika ghal impjieg mal-Kumpanija l-gdida u l-fatt li l-kumpens li inghata kien limitat ghal dak statutorju huma nieqsa minn kunsiderazzjoni serja u imgieba xierqa u hanina li wiehed jistenna minn *"good employer"* lejn impjegat li ta servizz tajjeb u twil lill-Kumpanija.

8. **DECIZJONI**

It-Tribunal Industrijali iddecieda li :

8.1 it-temm ta' l-impjieg sar ghar-raguni ta' *redundancy.*

8.2 Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta' l-1986 id-drittijiet ta' kull persuna li assistiet lill-partijiet ghandhom ikunu ta' Erbghin Liri Maltin (Lm40).

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

----------------------
**Anthony DeGiovanni**
**CHAIRMAN**

------------------
**George Attard**
**SEGRETARJU**

mrg